**MALTA**
**TRIBUNAL TA' REVIZJONI AMMINISTRATTIVA**

**MAGISTRAT DR. CHARMAINE GALEA**

**Illum 27 ta' Novembru 2023**

**Rikors Numru 21/2010**

**XXX**

**Vs**

**Kummissarju tat-Taxxi Interni**

It-Tribunal,

Ra r-rikors ta' XXXipprezentat fit-3 ta' Awwissu 2010, li permezz tiegħu ppremettiet u talbet is-segwenti:

*Illi b'diversi Avviżi ta' Likwidazzjoni maħruġa mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni, hawn intimat, il-kumpanija esponenti ġiet mgħarrfa illi l-ammont kumplessiv ta' taxxa fuq l-''income'' li għandu jitħallas minnha għas-snin ta' stima 2000-2006 huwa ta' mitejn erbgħa u disgħin elf, tliet mija tmienja u erbgħin Euro (€294,348). Kopji relattivi qegħdin jiġu hawn annessi u mmarkati bħala ''Dokument EMA1'';*

*Illi b'Avviż ta' Oġġezzjoni bid-data ta' nhar id-29 ta' Awwissu, 2008, il-kumpanija esponenti talbet lill-Kummissarju hawn intimat għal reviżjoni ta' l-istess likwidazzjonijiet abbażi tal-fatt illi l-kumpanija esponenti issostni li d-dħul jew profitt tagħha huwa kif dikjarat fl-''income tax returns'' rispettivi sottomessi lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni u konsegwentement li d-dħul jew profitt dikjarat huwa korrett;*

*Illi b'Avviż ta' rifjut bid-data ta' nhar is-17 ta' Ġunju, 2010 u notifikat lill-kumpanija esponenti nhar it-8 ta' Lulju, 2010, il-Kummissarju tat-Taxxi Interni, hawn intimat, għarraf lill-kumpanija esponenti li huwa rrifjuta li jemenda l-istesss likwidazzjonijiet kif mitlub u li t-taxxa li għandha titħallas mill-kumpanija esponenti hija ta' mitejn erbgħa u disgħin elf tliet mija*

*tmienja u erbgħin Euro (€294,348). Kopja ta' dan l-Avviż qiegħda wkoll tiġi hawn annessa u mmarkata bħala ''Dokument EMA2'';*

*Illi l-mottivi li għalihom il-Kummissarju tat-Taxxi Interni rrifjuta huma dawk illi jidhru fid-deċiżjoni li tagħha tinstab kopja mehmuża ma' dan ir-rikors;*

*Illi skond ma jidrilha l-kumpanija esponenti, dawn il-mottivi mhumiex validi minħabba l-fatt illi l-kumpanija esponenti ssostni illi d-dħul jew profitt tagħha huwa kif dikjarat fl-''income tax returns'' rispettivi sottomessi lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni u konsegwentament li d-dħul jew profitt dikjarat huwa korrett u illi apparti dan, il-kumpanija esponenti ikkoperat bis-sħiħ mal-Kummissarju ntimat u illi kull dokument u kuntratt reġistrat ġew sottomessi u kwalsijasi spjegazzjoni mitluba mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni ngħatat;*

*Għaldaqstant, il-kumpanija appellanti tissottometti illi l-likwidazzjonijiet hawn fuq imsemmija għandhom jiġu emendati sabiex jirriflettu dak dikjarat mill-kumpanija esponenti u dana taħt dawk il-provvedimenti illi dana l-Onorabbli Tribunal jidhrulu xierqa u opportuni.*

Ra r-risposta tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni pprezentata fit-3 ta' Settembru 2010 li permezz taghha eccepixa:

*Illi l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet tal-kumpanija appellanti huma infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda għar-raġunijiet segwenti li qegħdin jiġu hawn elenkati mingħajr preġudizzju għal xulxin:*

1. *Illi b'Avviżi ta' Likwidazzjoni datati 12 ta' Lulju 2008, il-Kummissarju tat-Taxxi Interni għarraf lill-appellant li l-ammont ta' taxxa fuq l-income illi għandu jitħallas għas-snin ta' stima 2000 sas-sena ta' stima 2006 kien jammonta għal €562,217 (Dok. Al sa A7);*

2. *Illi dawn il-Likwidazzjonijiet inħadmu abbażi ta' informazzjoni li kellu f'idejh il-Kummissarju, minkejja li l-appellant baqa' ma pprovdiex id-dokumenti rikjesti minnu, bħalma huma l-kotba tan-negozju, il-bank statements kollha, u evidenza dokumentata tal-ispejjeż li hu kien qed jitlob bħala deduzzjoni mill-income;*

3. *Illi permezz tal-Avviż ta' Oġġezzjoni datat 30 ta' Lulju, 2008, l-appellant talab lill-Kummissarju jirrevedi dawn l-Avviżi ta' Likwidazzjoni minħabba li hu allega li d-dħul kif dikjarat minnu għas-snin ta' stima msemmija huma korretti, ħlief għas-sena ta' stima 2006, għal liema sena l-appellant ippropona li t-taxxa dovuta għandha tkun €41, 640. (Dok. B1 sa B7);*

4. *Illi waqt il-proċess ta' kunsiderazzjoni tal-oġġezzjoni, għalkemm ressaq xi dokumentazzjoni oħra, l-appellant baqa' juri nuqqas ta' ko-operazzjoni billi naqas li jipprovdi dak kollu li ġie mitlub, u fost id-dokumenti mhux preżentati hemm inkluż il-kotba tan-negozju, parti l-kbira tal-bank statements, u dokumentazzjoni b'sostenn tal-ispejjeż mitluba b'deduzzjoni mill-income;*

5. *Illi billi, minkejja r-rieda tajba murija mill-esponent, xorta ma kienx hemm qbil bejnu u l-appellant, abbażi tal-informazzjoni għad-dispożizzjoni tiegħu, il-Kummissrju ħareġ likwidazzjonijiet ġodda, li kienu sostanzjalment inqas mil-likwidazzjonijiet oriġinali;*

6. *Illi nhar il-15 ta' Ġunju, 2010, inħarġu Avviżi Likwidazzjoni (Rifjut) għas-snin ta' stima 2000 sa 2006 li flimkien kienu jammontaw għal €294,348 (Dok C1 sa C7);*

7. *Illi nhar is-17 ta' Ġunju, 2010 inħarġu wkoll Avviżi ta' Rifjut għas-snin ta' stima 2000 sa 2006 li kumulattivament jammontaw għal taxxa pura fl-ammont ta' €294,348 (Dok D1 sa D7);*

8. *Illi l-imsemmija likwidazzjonijiet u l-avviżi ta' Rifjut maħruġa mill-esponent Kummissarju huma ġusti u jisthoqqilhom konferma in kwantu li jirriflettu d-dħul reali tal-kumpanija appellanti għas-snin ta' stima in kwistjoni;*

   *Għaldaqstant, l-appellat Kummissarju, filwaqt li jirriżerva d-dritt li jressaq kull prova oħra permissibli skond il-Liġi, jitlob bir-rispett illi dana r-rispettabbli Tribunal jogħġbu jiċħad ir-rikors ta' appell tal-kumpanija appellanta u jikkonferma l-Likwidazzjonijiet datati 15 ta' Ġunju, 2010 u l-Avviżi ta' Rifjut tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni tas-17 ta' Ġunju, 2010, bl-ispejjeż kontra l-kumpanija appellanta.*

Ra illi din il-kawza giet assenajta lil dan it-Tribunal kif presjedut wara li l-Magistrat sedenti giet elevata ghal Imhallef;

Ra illi fis-seduta tad-9 ta' Marzu 2023 dehret id-difensur tal-Kummissarju intimat li ezentat lil dan it-Tribunal milli jerga' jisma l-provi;

Ra illi fl-istess seduta it-Tribunal ta l-opportunita` lir-rikorrenti tiddikjara permezz ta' Nota jekk kinitx qed tezenta lil dan it-Tribunal milli jerga' jisma' l-provi;

Ra d-digriet tat-8 ta' Gunju 2023 li permezz tieghu kkonceda lis-socjeta` rikorrenti sat-30 ta' Gunju 2023 sabiex tipprezenta n-Nota msemmija u fin-nuqqas, iqis li s-socjeta` rikorrenti qieghda tezentah milli jerga' jisma' l-provi;

Ra illi s-socjeta` rikorrenti baqghat ma pprezentat ebda Nota kif fuq imsemmi;

Ra l-atti kollha;

Ra n-Noti ta' Sottomissjonijiet;

Ra li l-kawza thalliet ghas-sentenza ghal-lum.

**Ikkunsidra:**

Illi s-socjeta` rikorrenti qieghda timpunja numru ta' Avvizi ta' Likwidazzjoni u Avvizi ta' Rifjut tal-Oggezzjoni mahruga mill-Kummissarju intimat ghas-snin ta' stima 2000, 2001, 2002, 2003, 2004, 2005 u 2006.

Illi permezz ta' rikors datat 11 ta' April 2012 il-Kummissarju intimat talab lil dan it-Tribunal jawtorizzah jikkoregi jew jissostitwixxi l-Avvizi ta' Likwidazzjoni tal-15 ta' Gunju 2010 u l-Avvizi ta' Rifjut tas-17 ta' Gunju 2010 ghas-snin 2002, 2003 u 2005 sabiex it-taxxa effettivament dovuta tkun dik ta' tliet mija u disghin elf, tmien mija u wiehed u tletin ewro (€390,831) u dan stante li l-ammonti li suppost gew inseriti bhala ammont fil-munita tal-Lira Maltija gew bi zvista inseriti bil-munita tal-Ewro.[1]

Illi dan ir-rikors gie degretat fit-3 ta' Mejju 2012 fejn it-Tribunal diversament prejsedut iddecieda hekk:

***Ra r-Rikors tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni;***

***Ra r-Risposta tas-soċjetà rikorrenti;***

***Ra l-Artikolu 35(4) tal-Kap. 372 tal-Liġijiet ta' Malta;***

***Peress illi l-Kummissarju tat-Taxxi Interni ma jistax f'dan l-istadju tal-proċeduri jirtira l-Avviżi ta' Likwidazzjoni (Notice of Refusal) li nħarġu fil-15 ta' Ġunju 2010 u l-Avviżi ta' Rifjut li nħarġu fis-17 ta' Ġunju 2010 għas-snin ta' stima 2002, 2003 u 2005, it-talba tiegħu biex jiġi awtorizzat jirtira tali dokumenti u jissosstitwihom b'Avviżi relattivi debitament korretti ma tistax tiġi milqugħa. Bl-istess mod ma jistax f'dan l-istadju tal-proċeduri, in kwantu prematur fid-dawl ta' dak li se jingħad iktar 'l isfel f'dan id-Digriet, jitlob is-sempliċi korrezzjoni ta' tali dokumenti.***

***Madanakollu, peress illi ai termini ta' l-Artikolu 35(4) tal-Kap. 372 tal-Liġijiet ta' Malta, it-Tribunal jista' inter alia jżid l-istima maħruġa mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni, kemm-il darba l-Kummissarju debitament jipprova bi provi sodisfaċenti l-iżbalji li skont hu hemm fid-dokumenti in kwistjoni, it-Tribunal ikun jista' jieħu konjizzjoni ta' din il-kwistjoni fid-deċiżjoni finali.***

***Għaldaqstant, it-Tribunal jiċħad it-talba tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni kif dedotta fir-Rikors tal-11 ta' April 2012, iżda jirriserva li jikkonsidra l-kwistjoni, kemm-il darba tkun debitament ippruvata anke bl-esibizzjoni tad-dokumentazzjoni opportuna, fis-sentenza finali.***

## Provi

**George Borg**, *senior accountant officer* mal-Kummissarju intimat, xehed illi l-investigazzjoni odjerna bdiet f'Jannar 2007 fejn id-Dipartiment kien baghat Avviz ta' Verifika[2] dwar is-snin ta' stima 1999, 2000, 2001 u 2002. Spjega li l-Kummissarju intimat ma kienx qed jaqbel mal-introjtu dikjarat mis-socjeta` attrici ghaliex kien tal-fehma li l-qligh kellu jkun izjed. Il-Kummissarju intimat wasal ghal din il-konkluzzjoni wara li ezamina d-depoziti bankarji fit-total

---

[1] A fol. 216
[2] Dokument GB a fol. 127

taghhom, liema depoziti ma kinux qed jaqblu mal-bejgh. Spjega li ghalkemm is-socjeta` rikorrenti tat xi spjegazzjonijiet dwar xi depoziti, fuq ohrajn ma ressqet ebda spjegazzjoni u ghalhekk wara diversi xhur inghalqet l-investigazzjoni u hargu l-likwidazzjonijiet originali. Peress li l-uniku dhul tas-socjeta` rikorrenti kien min-negozju, allura d-depoziti kollha gew meqjusa li gew minn bejgh ta' proprjeta` u ghalhekk id-differenza bejn id-depoziti u t-total iddikjarat bhala qligh, gie meqjus bhala qligh mhux iddikjarat.

Fir-rigward tal-likwidazzjoni originali, is-Sur Borg spjega li din saret qabel ma s-socjeta` rikorrenti pprovdiet il-kotba tan-negozju u xi dokumenti ohra, pero` mhux il-*bank statements* kollha u ma kienet ipprovdiet ebda kuntratt t'akkwist ta' proprjeta` mibjugha bejn is-sena ta' stima 1999 sas-sena ta' stima 2006. Eventwalment, wara l-ewwel likwidazzjoni, is-socjeta` rikorrenti pprezentat dokumentazzjoni ulterjuri, u kien ghalhekk li l-istimi gew ridotti.

Is-Sur Borg spjega li l-istimi mahruga mill-Kummissarju intimat gew hekk mahruga abbazi tad-depoziti bankarji li ma nghatax spjegazzjoni ghalihom. Huwa xehed illi s-socjeta` rikorrenti ma aderixxietx ruhha mat-talbiet tal-Kummissarju intimat, fosthom biex tipprovdi "*company trade books, deeds of property sold* u *individual profit and loss statements for each property sold.*" Dawn id-dokumenti gew mitluba lis-socjeta` rikorrenti permezz ta' diversi ittri li gew esebiti. Lista ta' dak kollu li ntalab minghad is-socjeta` rikorrenti jinsab f'Dokument GB11[3] Kompla jghid illi s-socjeta` rikorrenti ma ghaddietx l-*accounts* taghha lill-Kummissarju intimat. Spjega wkoll illi fil-komputazzjonijiet li saru, il-Kummissarju intimat ha in konsiderazzjoni l-imghaxijiet li s-socjeta` rikorrenti kienet qed thallas lill-Bank.

Fis-seduta tat-23 ta' Novembru 2012, is-Sur Borg gie mistoqsi dwar ir-rikors intavolat fil-11 ta' April 2012, u li ghalih saret referenza iktar 'il fuq. Huwa kkonferma li apparti l-kwistjoni tal-konverzjoni minn Liri Maltin ghal Ewro, kien hemm ukoll kwistjoni ohra, u cioe` li bi svista s-socjeta` rikorrenti ma gietx moghtija l-beneficcju tat-telf li sofriet fis-snin 2001 u 2004 in kwantu profitti fis-snin segwenti. Huwa spjega li effettivament dan it-telf kellu jigi trasferit ghas-sena ta' stima sussegwenti sabiex jitnaqqs mill-eventwali profitti li s-socjeta` rikorrenti seta' kellha f'dik is-sena ta' stima u dan sabiex jitnaqqas l-ammont taxxabbli.[4]

**Anton Chetcuti Ganado**, konsulent u awditur tas-socjeta` rikorrenti, xehed illi s-socjeta` rikorrenti bdiet in-negozju taghha fil-kostruzzjoni fl-ahhar tas-snin tmenin, bidu tas-snin disghin. Fir-rigward tal-kwistjoni odjerna, huwa xehed illi kull ma talab il-Kummissarju intimat huwa dejjem ipprovdih, salv ghal

[3] Liema dokument jinsab go envelope kannella a fol. 258 tal-process
[4] A fol. 580

dokumenti li ma kellhomx. Spjega li meta bdiet il-korrispondenza mal-Kummissarju intimat, is-socjeta` rikorrenti kellha xi *accounts* li kienu ghadhom ma gewx sottomessi.

Huwa spjega li fil-fehma tieghu ma kienx hemm kuntratti neqsin mill-*accounts* tas-socjeta` rikorrenti, u li wara li harget l-ewwel likwidazzjoni, huwa qabad il-kuntratti kollha u ghamel il-kalkoli tieghu u rrizultalu li bhala taxxa kien hemm dovuti xi tnejn u sittin elf lira Maltin (Lm62,000).

In kontro-ezami, ix-xhud wiegeb illi l-ispejjez tal-bini kienu gew sostanzjati b'dokumentazzjoni. Huwa kompla jghid li dejjem ikkoperaw ghat-talbiet tal-Kummissarju intimat.

F'affidavit ipprezentat fil-25 ta' Marzu 2014, is-Sur Chetcuti Ganado pprezenta tabella li turi li l-bejgh li sar mis-socjeta` rikorrenti kien jammonta ghal €1,631,726, liema ammont jirrizulta mill-kuntratti ta' bejgh ta' proprjeta` immobbli. Mill-istess tabella jirrizulta illi fil-perjodu rilevanti kien hemm interessi fl-ammont ta' €264,538. Jirrizulta wkoll telf ta' €287,589 li kien "brought forward" ghall-perjodu qabel is-sena ta' stima 2000. Huwa spjega li l-uniku snin li fihom is-socjeta` rikorrenti ghamlet profitt kienu s-sena ta' stima 2005 u 2006.

Fir-rigward tal-istimi mpunjati, is-sur Chetcuti Ganado osserva illi li kieku s-socjeta` rikorrenti kellha thallas l-ammont reklamat ta' €390,830, riedet taghmel qligh ta' €1,116,716. Spjega kif mill-kuntratti pubblikati jirrizulta li l-valur tal-bejgh kien ta' €1,631,726 u ghalhekk l-ammont ta' qligh reklamat mill-Kummissarju intimat huwa inverosimili. Huwa xehed li s-socjeta` rikorrenti dejjem ipprezentat id-dokumenti rikjesti mill-Kummissarju u dejjem attendiet ghal-laqghat fejn mehtieg biex isiru kjarifiki. Spjega li fl-ahhar emejl li kienet intbaghtitilhom kienet issemmiet diskrepanza ta' €10,000, liema diskrepanza kienet giet rizolta. Kien biss wara dan, li nhargu r-rifjut ta' l-oggezzjonijiet u gew konfermati l-istimi b'ammonti li ma humiex gustifikati.

Fir-rigward tal-kuntratti ta' bejgh, ix-xhud spjega li huma dejjem ghamlu r-ricerki u ghaddewhom lid-Dipartiment. Fir-rigward tal-ispejjez, huma kienu ghamlu *breakdown* u dan kif jixhed mid-*development accounts* esebiti minn fol. 750 sa fol. 768.

In kontro-ezami, s-Sur Chetcuti Ganado ikkonferma li fl-2000 it-*tax returns* kienu ilhom ma jintbaghtu ghal numru ta' snin pero` mbaghad intbaghtu kollha f'daqqa madwar is-sena 2007. Spjega li ghalkemm il-kuntratti u l-*bank statements* gew mghoddija kollha lill-Kummissarju, kien hemm xi *accounting ledgers* li ma nghatawx. Huwa kkonferma li *cash in hand* ma kienx hemm, anke ghaliex peress

li l-HSBC kellu jiehu l-flus, kien jidher fuq il-kuntratti. Fir-rigward ta' kuntratt partikolari fejn is-socjeta` rikorrenti obbligat ruhha li tbiegh appartament *finished*, u li allura s-socjeta` bieghhet servizz u mhux proprjeta` immobbli, ix-xhud wiegeb li dan il-qiegh partikolari ma kienx gie dikjarat u li pero`waqt xi diskussjonijiet wara li bdew dawn il-proceduri, kien hemm ftehim li l-ammont ta' qligh minn dan is-servizz irid jizdied. Huwa ta spjegazzjoni ta' kif hadem b'lura biex wasal ghac-cifri li s-socjeta` rikorrenti, fil-fehma tieghu, ghandha thallas bhala taxxa fuq il-qligh.

**Edward Pavia** xehed illi huwa Direttur tas-socjeta` rikorrenti, liema socjeta` tinnegozja fil-qasam tal-kostruzzjoni. Spjega li s-socjeta` kellha facilitajiet bankarji mal-HSBC mill-bidu taghha. Spjega li s-socjeta` kellha problemi biex tonora l-facilitajiet li kienet hadet tant li kienet inghatat zmien mill-Bank biex tillikwida. Huwa xehed li eventwalment il-Bank thallas. Stqarr li huwa kellu bhala *accountant* lil Anton Chetcuti Ganado u darba fost l-ohrajn, certu Adrian, li jahdem ma' Chetcuti Ganado, qallu li kienu se jifthu investigazzjoni da parti tal-Kummissarju intimat. Xehed illi minn dak li gie mgharraf, il-Kummissarju intimat kellu bzonn kopja ta' xi kuntratti u hu kien ha dawn l-istess kuntratti lil ufficjal tal-Kummissarju, certu Elaine Bartolo. Spjega li huwa u l-*accountant* kienu qed jistennew xi tip ta' risposta minghand Bartolo u ghalhekk wara li ghadda certu zmien, huwa kien mar ikellem lil Bartolo biex jara fejn wasal il-process, u hi qaltlu li l-file kien intbaghat lura ghax is-socjeta` rikorrenti ma kinitx kellmithom. Meta sema' hekk hu qalilha li kienu miftehmin li kienet hi li kellha tkellimhom.

Mistoqsi fuq appartament u garaxx partikolari fix-Xemxija, huwa spjega li kien hemm Russu interessat li jixtri u tah depozitu ta' ghoxrin elf lira maltin (Lm20,000) pero` eventwalment il-bejgh ma sarx u ghad hemm pendenzi legali bejn il-partijiet.

Is-Sur Pavia spjega wkoll illi meta s-sitwazzjoni finanzjarja mal-Bank kienet hazina, kien gie suggerit lilu li jillikwida *Life Insurance Policy* personali li kellu mal-HSBC. Fil-fatt hekk sar u r-rikavat mar fil-kont tas-socjeta` rikorrenti.

In kontro-ezami, s-Sur Pavia wiegeb li l-flus li kienu jidhlu mill-bejgh tal-proprjeta` kienu jpogguhom il-Bank peress li s-socjeta` kellha *overdraft* u *loan facility*.

**Marvic Gauci**, rapprezentant tal-Bank HSBC, xehdet illi s-socjeta` rikorrenti kienet inghatat facilitajiet bankarji. Spjegat li fis-sena 2000 il-kont kien intbaghat lir-Recoveries Depatiment. Spjegat li fit-30 ta' Ottubru 2006 il-Bank kien estenda z-zmien entro liema s-socjeta` riedet thallas id-dejn. Hija xehdet li s-socjeta` ghamlet tajjeb ghall-facilitajiet b'diversi proprjetajiet.

**Nadia Micallef,** rapprezentat tal-Bank HSBC, esebiet lista ta' proprjetajiet li nghataw bhala garanzija ghall-faciltajiet bankarji li kellha s-socjeta` rikorrenti.[5]

**Adrian Farrugia,** *accountant*, spjega li s-socjeta` rikorrenti kienet klijent ta' Anton Chetcuti Ganado. Spjega li fl-ewwel snin tal-operat taghha, is-socjeta`ghamlet it-telf. Huwa esebixxa serje ta' *development accounts* ghal kull proprjeta` li giet zviluppata mis-socjeta` rikorrenti. Spjega li f'certu mument il-Kummissarju tat-Taxxi kien talab certu informazzjoni, per ezempju fuq l-interessi, kienu talbuhom kopja tal-kuntratti tal-bejgh u wkoll *bank statements*, liema dokumentazzjoni giet kollha mghoddija kif mitluba.

Is-Sur Farrugia xehed illi huma kienu talbu lill-Kummissarju intimat ghall-*workings* tieghu kif wasal ghac-cifra ta' qligh li qed jallega li ghamlet is-socjeta` rikorrenti. Fil-fatt dawn il-*workings* inghataw u ndunaw li dak li kien qed jaghmel il-Kummissarju intimat kien li jara l-*bank statements*, jara d-depoziti, u fejn ikun hemm depoziti inqas, jipprovaw iqabblu d-depoziti mas-*sales* u fejn isibu diskrepanza, izidu l-ammont mas-*sales*. Ghalhekk biex forsi jaslu f'kompromess, ghamlu ezercizzju mill-gdid u waslu ghall-figura ta' tmint elef Maltin (Lm8000) li kellhom jithallsu bhala taxxa fuq il-qligh. Is-Sur Farrugia spjega li bhala telf, il-Kummissarju ha l-ammont ta' hamsa u ghoxrin elf filwaqt li mill-*workings* li ghamlu huma rrizulta li t-telf kien ta' mija u ghoxrin elf. Mistoqsi in kontro-ezami jekk it-telf ta' mija u ghoxrin elf imsemmi minnu, kienx ittiehed kontra s-snin ta' qabel, ix-xhud ikkonferma li dan huwa minnu.

In kontro-ezami x-xhud spjega li l-*accountant* ta' qablu kien hadem l-*accounts* sal-1998 u li hu ghalhekk hadem l-*accounts* mill-1999 sal-2004. Ikkonferma li l-maggor parti tal-ispejjez relatati mal-kuntratti kienu gew sottomessi meta ntalbu mid-Dipartiment. Ikkonferma li l-*property accounts* ta' kull proprjeta` mibjugha ma kinux gew sottomessi qabel hargu l-istima, pero` spjega li kellu l-*workings*. Xehed ukoll illi kien hemm xi *inter account transfers* li d-Dipartiment hadhom bhala *sales* u lil-mori ta' dawn il-proceduri, dan gie ccarat mad-Dipartiment.

**Michéle Xuereb**, *accountant* fid-Dipartiment tat-Taxxi Interni, xehdet illi l-verifika tal-Kummissarju intimat inbdiet wara li s-socjeta` rikorrenti naqset li tissottometti l-formoli tat-taxxa taghha. Di fatti, fil-31 ta' Mejju 2012, is-socjeta` rikorrenti ssottomettiet il-Formoli tat-Taxxa ghas-snin ta' stima 1999 sa 2006. Spjegat li d-Dipartiment kien iffissa laqgha mad-dirigenti tas-socjeta` rikorrenti ghat-22 ta' Jannar 2007 sabiex tforni numru ta' dokumenti. Fil-11 ta' Frar 2008 giet iffissata laqgha ohra ghat-22 ta' Frar 2008 fejn is-socjeta` giet mitluba taghti lid-Dipartiment numru ta' dokumenti ohra, fosthom komputazzjoni individwali

[5] Dokument DC5 a fol. 690

tal-qligh mill-bejgh tal-proprjeta` li giet mibjugha matul is-snin 1998, 1999, 2002, 2003, 2004 u 2005. Fil-kors tal-investigazzjoni, is-socjeta` rikorrenti ntalbet ukoll tissttometti *bank statements*, ittri ta' konferma mill-banek lokali dwar il-kontijiet taghha, *cash book*, kuntratti ta' akkwist u wkoll il-kotba tan-negozju ghas-sena ta' stima bejn l-1999 u l-2006. Ix-xhud spjegat li s-socjeta` rikorrenti naqset milli tipprovdi d-dokumentazzjoni mehiega biex tissostanzja l-ispejjez mitluba minnha bhala deduzzjoni. Spjegat li fin-nuqqas ta' koperazzjoni, u cioe` bin-nuqqas ta' dokumenti mitluba, il-Kummissarju intimat wasal ghall-konkluzzjoni li:

(a) *Is-sors ta' dawk il-fondi depożitati fil-kontijiet tal-bank tal-Kumpanija seta' ma kienx mill-bejgħ ta' proprjetà;*

(b) *Ma kienx prekluż li l-kumpanija kienet daħlet għal aktar kuntratti ta' xogħlijiet simili għal dak il-kuntratt ta' servizz li l-valur tiegħu ma kienx iddikjarat għat-taxxa, u li dawn ukoll ma kienux ġew iddikjarati għat-taxxa;*

(c) *Lanqas ma kien prekluż li kienu jeżistu kontijiet oħra tal-bank, ta' liema kontijiet ma kienux ġew sottomessi l-bank statements, u li allura seta' kien hemm fondi oħra depożitati f'kontijiet oħra li ma kienux iddikjarati għat-taxxa;*
*u*

(d) *L-ammont ta' interessi inklużi fil-Profit & Loss Account bħala ''bank interest and charges'' setgħu biss jiġu aċċettati bħala spejjeż deduċibbli sa l-ammont kif sostnut mill-bank statements sottomessi minn XXX. Ltd;*[6]

Abbazi ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, il-Kummissarju hareg l-istima ghas-snin ta' stima 2000 sa 2006. Meta s-socjeta` rikorrenti rceviet dawn l-istimi, hija ssottomettiet Avviz ta' Oggezzjoni ghal kull stima. Sussegwentement is-socjeta` rikorrenti ntalbet tipprezenta numru ta' dokumenti. Spjegat ukoll illi d-dokumenti sottomessi mis-socjeta` rikorrenti sabiex issostni l-figura tal-*cost of sales* u spejjez professjonali ta' kull sena ma jikkwalifikawx bhala *invoices* ghaliex jikkonsistu minn *architect's certificates* jew certifikati mahruga mid-ditta ta' Periti Bezzina & Cole, flimkien ma' *Requests for payment* ghal servizzi moghtija mill-istess ditta. Per di piu`, l-imsemmija certifikati u *requests* ma nhargux fuq is-socjeta` rikorrenti izda inhargu fuq terzi, u cioe` Santa Margherita Limited. Ix-xhud spjegat li s-socjeta` rikorrenti baqghat ma ssottomettietx l-*accounting ledgers* u l-*cash book*, permezz ta' liema l-istess socjeta` setghet turi li l-ispejjez gew fil-fatt imhallsa minnha.

[6] A fol. 861

Illi fl-isfond ta' dan kollu, id-Dipartiment, wara li evalwa d-dokumentazzjoni kollha li s-socjeta` rikorrenti ssottomettiet, wasal ghall-valur ta' dhul likwidati u hareg seba' Avvizi ta' Rifjut tal-Oggezzjoni billi:

(a) *Mal-valur tal-bejgħ iddikjarat mill-kumpanija XXX Limited, li kien jammonta għal total ta' Lm700,500 bejn is-sena ta' stima 2000 u s-sena ta' stima 2006, id-Dipartiment żied l-ammont totali ta' Lm153,574 għall-istess perjodu, li kien jirrappreżenta l-eċċess sena b'sena tad-depożiti fil-kontijiet tal-bank lil hinn mill-ammonti ddikkjarati minn XXX Limited;*

(b) *Mal-valur tal-bejgħ żdied ukoll l-ammont ta' Lm10,000 f'valur ta' xogħlijiet b'relazzjoni ma' kostruzzjoni ta' proprjetà skont kuntratt mgħoddi lid-Dipartiment mill-Kumpanija stess, liema ammont ir-rappreżentant tal-Kumpanija (u dan kif saħansitra joħroġ mill-ittra elettronika ta' Adrian Farrugia tat-8 ta' Awwissu 2009, kopja ta' liema qiegħda annessa ma' dan l-Affidavit u mmarkata bħala Dok MX2) kien irrikonoxxa li dan l-ammont ta'Lm10,000 kellu jiżdied mad-dħul tas-sena relattiva, u ċioè, tas-sena ta' stima 2005;*

(c) *Ingħatat tnaqqis deduċibbli ta' sebgħin fil-mija (70%) tal-ammont tal-Cost-of-Sales, kif mitluba mill-kumpanija XXXfit-Trading Accounts tagħha għal kull sena hawn taħt appell; u dan minkejja illi XXX Limited naqset milli tissottometti l-Accounting Ledgers mitlubin minnha u invoices skont kif mitlub bil-Liġi għall-ammonti ddikjarati minnha sabiex tissostanzja t-talbiet tagħha għal tali tnaqqis;*

(d) *Ingħatat tnaqqis deduċibbli għall-ammont kollu ddikjarat minn XXX Limited fil-Profit & Loss Accounts tagħha għal kull sena bejn is-sena ta' stima 2000 u s-sena ta' stima 2006 għar-rigward ta' ''Bank Interest & Charges'' – għal total ta' Lm113,566; u*

(e) *Ingħata wkoll tnaqqis deduċibbli għall-ammonti ddikjarati minn XXX Ltd fil-Profit & Loss Accounts tagħha għal kull sena bejn is-sena ta' stima 2000 u s-sena ta' stima 2006 għar-rigward ta' spejjeż oħra bħalma huma l-miżati ta' reġistrazzjoni, l-ispejjeż ta' awditjar u kontabilità, l-ispejjeż relatati mal-vetturi, mal-assikurazzjoni u l-ispejjeż legali, filwaqt li d-Dipartiment ħa in konsiderazzjoni ammont nominali ta' Lm500 għal spejjeż professjonali għal kull sena fejn dawn kienu mitlubin – u dana għalkemm XXX Limited baqgħet ma sostnietx dawn l-ispejjeż b'dokumentazzjoni.*[7]

[7] A fol. 865-866

Ix-xhud spjegat li bi zvista l-ammonti rispettivi ta' taxxa dovuta indikati fl-Avvizi ta' Rifjut ta' Oggezzjoni ghas-snin ta' stima 2002, 2003 u 2005 gew erronjament indikati bhala dovuti fil-munita tal-Ewro minflok f'Liri Maltin. Spjegat ukoll illi bi zvista, is-socjeta` rikorrenti ma gietx moghtija l-beneficcju tat-telf li sofriet fis-sena ta' stima 2001 u 2004 kontra profitti fis-snin sussegwenti. Ghalhekk wara dan l-aggustament, it-total ta' taxxa dovuta kellu jkun ta' €390,831.[8]

In kontro-ezami xehdet li l-kont tat-taxxa hareg tajjeb, pero` r-rendikont hareg fil-munita zbaljata. Ghalhekk spjegat li fil-komputazzjoni tat-taxxa m'hemm ebda zball. Hija spjegat ukoll kif eventwalment sar aggustament fl-ammonti ta' stima wara li s-socjeta` rikorrenti issottomettiet kopja tal-*bank statements* u gie verifikat kemm kienu thallsu interessi.

**Ikkunsidra:**

Illi mill-provi prodotti jirrizulta illi s-socjeta` rikorrenti giet taht il-lenti tal-Kummissarju intimat wara li naqset milli tissottometti l-Formuli tat-Taxxa ghal numru ta' snin.

Illi t-Tribunal se jibda billi jitratta l-kwistjoni mqajjma fir-rikors tal-11 ta' April 2012 fejn il-Kummissarju intimat talab awtorizzazzjoni biex jikkoregi jew jissostitwixxi l-Avvizi ta' Likwidazzjoni u l-Avvizi ta' Rifjut ta' l-Oggezzjoni. Illi dan ir-rikors diga gie degretat fit-3 ta' Mejju 2012, liema digriet gie kkwotat iktar 'il fuq f'din is-sentenza.

Illi kif tajjeb tirrileva s-socjeta` rikorrenti, it-tibdil li l-Kummissarju intimat xtaq jaghmel ma huwiex f'atti gudizzjarji, u kwindi dan it-Tribunal ma jistax jigi mitlub dak li ntalab. Illi pero` t-Tribunal jirrileva wkoll illi kif qal tajjeb il-Kummissarju intimat, l-izball sar fir-rendikont u mhux fl-ammont ta' taxxa dovut fuq il-kont tat-taxxa *per se*, liema ammont huwa indikat korrettement. Kwindi t-Tribunal huwa tal-fehma li ai fini ta' dawn il-proceduri kull parti taf ezattament l-ammont ta' taxxa li qieghda tintalab mill-Kummissarju intimat u ebda parti ma sofriet xi pregudizzju mill-fatt li kien hemm zball fir-rendikont minhabba l-fatt uniku li ma saritx il-konverzjoni mill-munita tal-Liri Maltin ghal dik tal-Ewro fs-sezzjoni tal-*Statement of Account*. Kwindi t-Tribunal huwa tal-fehma li m'ghandux ghalfejn jipprovdi ulterjorment dwar ir-rikors tal-11 ta' April 2012.

Sorvolata din il-kwistjoni preliminari, it-Tribunal sejjer issa jezamina l-kontestazzjonijiet tal-Avvizi notifikati lis-socjeta` rikorrenti.

[8] A fol. 868

Illi l-vertenza ta' dan l-appell tikkoncerna likwidazzjonijiet li saru mill-Kummissarju intimat u dan wara li sar process twil ta' verifika ta' diversi dokumenti sottomessi mis-socjeta` rikorrenti, wara liema, l-Kummissarju intimat kien tal-fehma illi d-dhul tas-socjeta` kien iktar milli fil-fatt dak dikjarat. Principalment, huwa wasal ghal din il-konkluzzjoni peress li ma setax jirrikoncilja ammont ta' depoziti fil-kontijiet bankarji mal-ammonti ta' bejgh ta' proprjeta` li kienet ghamlet is-socjeta` rikorrenti ghas-snin 2000 sa 2006.

**L-ewwel u t-tieni raguni tad-decizjoni appellata – Nuqqas ta' ko-operazzjoni mad-Dipartiment u nuqqas ta' produzzjoni tal-kotba tal-kummerc, kuntratti tal-proprjeta` mibjugha u rendikonti individwali tal-*profit and loss* ta' kull proprjeta`**

Illi t-Tribunal jirrileva illi ai termini tal-artikolu 14 (1) tal-Kapitolu 372 tal-Ligijet ta' Malta, persuna hija obbligata turi lill-Kummissarju intimat "*ghall-ezami, il-kotba, dokumenti, kontijiet u prospetti (inkluzi dikjrazzjonijiet u kotba tal-bank) illi l-Kummissarju jidhirlu mehtiega.*" In oltre, ai termini tal-artikolu 19, kull persuna li jkollha sengħa, negozju, professjoni jew vokazzjoni ghandha zzomm "*records xierqa u suffiċjenti tal-income u spejjeż tagħha sabiex l-income u t-tnaqqis permess tagħha jkunu jistgħu jiġu aċċertati malajr.*"

Illi jirrizulta li minhabba d-dispkrepanzi li rriskontra, il-Kummissarju intimat talab ghal ammont sostanzjali ta' dokumenti minghand is-socjeta` rikorrenti, liema dokumenti waslu ghand il-Kummissarju mhux daqstant b'mod spedittiv, tant li s-socjeta` rikorrenti ssottomettiet certi dokumenti anke fil-kors ta' dawn il-proceduri. Illi Adrian Farrugia nnifsu ammetta fil-kors tax-xhieda tieghu illi *"l-accounts as such, documentation li tajna mhux ledgers ha nghidu hekk….ma tajthomliex".*[9] Illi lanqas ma jirrizulta b'mod car xi spjegazzjoni tat is-socjeta` rikorrenti ghad-diskrepanzi li rrizultaw lill-Kummisarju intimat dwar id-depoziti bankarji. Dan kif ammess anke minn Adrian Farrugia nnifsu.[10]

Jirrizulta illi sa qabel ma l-Kummissarju intimat hareg l-Avvizi ta' Rifjut tal-Oggezzjoni, is-socjeta` rikorrenti kienet naqset milli tissottometti lill-Kummissarju intimat il-kuntratti relattivi ta' xiri u wkoll l-*Accounting Ledgers* u l-*Cash Book*.

Illi ghaldaqstant, it-Tribunal huwa tal-fehma, illi ghalkemm kien hemm xi forma ta' ko-operazzjoni mad-Dipartiment tat-Taxxi Interni, ma kienx hemm koperazzjoni shiha u dak elenkat fl-Avvizi ta' Rifjut in dizamina huwa essenzjalment il-verita`, u cioe` li sal-mument li hargu l-istess Avvizi, is-socjeta` rikorrenti ma ssottomettietx il-kotba tan-negozju, *profit and loss statements* fir-

[9] Xhieda ta' Adrian Farrugia a fol. 825
[10] Xhieda ta' Adrian Farrugia a fol. 844 u 845

rigward ta' kull proprjeta` mibjugha u wkoll ma tatx spejgazzjoni cara ghal certi depoziti bankarji.

Dwar il-kotba tan-negozju li ghandhom jinzammu minn *taxpayer* li jopera negozju, u senjatament minn zviluppaturi ta' proprjetà bhal ma kienet is-socjeta` rikorrenti, issir referenza ghad-decizjoni fl-ismijiet ***Joseph Sant v. Kummissarju tat-Taxxi Interni*** moghtija mill-Bord ta' Kummissarji ta' Specjali fit-12 ta' April 2006, fejn gie osservat illi:

*Fil-kors tat-trattazzjoni rrizulta li l-okkupazzjoni tal-appellant kienet, u ghadha, dik ta' Land Developer. Din it-tip ta' attività taqa' zgur taht il-kappell tat-termini 'trade, business, profession or vocation' li ghar-rigward taghhom l-Artikolu 19 tal-Kap. 372 (Income Tax Management Act) jesigi li huma jridu, inter alia, (a) Izommu 'proper and sufficient records' tad-dhul u hrug taghhom b'mod li d-dhul u deduzzjonijiet permessi ghat-taxxa jkunu jistghu jigu accertati, u (b) Iridu jzommu dawn ir-records b'mod li l-imsemmijin dhul u spejjez deducibbli jridu jkunu 'readily ascertained'. Il-Bord iqis li dan il-kliem ma jistax jigi interpretat b' mod iehor ghajr li hemm mitfugha fuq it-taxpayer responsabilità totali li l-kontijiet u r-record tal-hidma tieghu iridu, (a) Jinzammu skond il-prassi tal-kontabilità ghal dawk li huma accounting standards li dawn ikopru, inter alia, format ta' prezentazzjoni u komprensibilità ta' dettalji, (b) Jinzammu wkoll skond formati specifikament applikabbli ghat-trade, business, profession or vocation li tkun. U fil-kaz ta' kuntratturi, land developers, spekulaturi, u attivitajiet simili l-Bord iqis li hu logiku li l-KTI - dejjem in virtu ta' l-imsemmi Artikolu - jitlob u jinsisti li progetti separati li fuqhom ikunu hadmu u/jew qed jahdmu, ikunu evidenzjati b' kontijiet segmentali u separati ghal kull progett biex tigi appuntu facilitata l-indagini li jkun ihoss mehtiega il-KTI.*

Il-Qorti ta' l-Appell, illi kkonfermat is-sentenza tal-Bord ta' Kummissarji Specjali b'sentenza tal-15 ta' Novembru 2006 , fir-rigward ta' dan l-aspett partikolari osservat illi:

*bl-ewwel aggravju tieghu l-appellanti qed jikkontendi li l-Artikolu 19 ta' l-Att Numru XVIII ta' l-1994 ma jesigix kriterji specjali ghal kif ghandhom jigu redatti l-Balance Sheet u l-Profit & Loss Account. Din il-kontenzjoni mhix ghal kollox preciza. Kif gja espress dan il-provvediment tal-ligi jinsisti li r-records iridu jkunu "xierqa u sufficcjenti ta' l-income u ta' l-ispejjez" b' mod li minnhom dak l-income u d-deduzzjonijiet permessibbli ikunu jistghu jigu "accertati malajr". Jinhass xieraq li din il-Qorti taghmel parentesi zghir biex tissenjala dawn ir-riflessjonijiet li jsegwu: (1) Innegabilment, similment bhal fil-kaz tal-kotba tal-kummerc, obbligatorji jew le, skond il-Kodici tal-Kummerc [Artikolu 13 et seq. tal-Kapitolu 13, senjatament l-Artikolu 22 (1) tieghu] l-Artikolu 19 tal-Kapitolu 372 jiddixxiplina l-effikacja probatorja ta' l-atti kontabili ta' min jippresta*

*attività professjonali jew kummercjali. Kemm allura l-Balance Sheet kif ukoll il-Profit & Loss Account, apparti li skond din id-disposizzjoni tributorja jirrientraw fost l-iskritturi kontabili li jrid izomm jew jaghmel min jinnegozja, l-istess jaghmlu prova kontra jew favur tieghu; (2) Kjarament, imbaghad, dawn l-istess dokumenti, bhal kull "record" iehor iridu jinzammu jew redatti b' mod regolari ghall-iskop tal-verifika puntwali taghhom; (3) Evidentement, tenut rigward ta' dak li nghad u, in partikulari, tal-prova li jaghmlu dawn ir-"records", jidher li bl-espressjonijiet maghzula minnu fit-test tad-disposizzjoni msemmija l-legislatur ried jevita li t-taxpayer jitragga vantagg minn nuqqas ta' rispett tan-norma fuq iz-zamma tar-records.*

Illi fil-kaz odern, jirrizulta illi s-socjeta` rikorrenti ma kinitx issottomettiet il-*Profit & Loss accounts* individwali ghal kull proprjeta` li zviluppat u bieghhet, u dan kif mitluba mill-Kummissarju intimat, wisq inqas issottomettiet l-*inter account transfers* jew *accounting ledgers* minn fejn seta' jirrizulta f'liema kontijiet saru l-allegati trasferiment bankarji, u wisq inqas indikat fejn suppost kellhom jidhru l-allegati transazzjonijiet fil-*bank statements* taghha.[11]

Illi ghalhekk, minn dak li seta' japprezza t-Tribunal mill-provi prodotti, jirrizulta illi t-tieni raguni moghtija mill-Kummissarju intimat hija wahda veritjiera u gustifikata, in kwantu s-socjeta` rikorrenti naqset li tipprovdi dak mitlub lill-Kummissarju intimat, hlief ghall-kuntratti ta' bejgh, liema kuntratti fil-fehma ta' dan it-Tribunal gew mghoddija lilu fil-maggoranza taghhom, anke jekk forsi mhux b'mod tempestiv.

**<u>It-tielet raguni tad-decizjoni appellata – Nuqqas ta' spjegazzjoni ghall-*over deposits* fil-kontijiet bankarji</u>**

Illi t-tielet raguni msemmija mill-Kummissarju intimat ghall-azzjoni tieghu fil-konfront tas-socjeta` rikorrenti kienet illi l-istess socjeta` naqset milli tipprovdi spjegazzjoni ghall-*over deposits* jew *unexplained deposits* fil-kontijiet bankarji **fl-ammont ta' Lm153,574.**

Illi dwar dan, il-Kummissarju intimat spjega li mal-**valur ta' bejgh dikjarat, liema ammont kien ta' Lm700,5000 bejn is-snin 2000 u 2006,** id-Dipartiment **zied l-ammont ta' Lm153,574 rapprezentanti depoziti fil-kontijiet bankarji** li s-sors taghhom baqa' ma giex spjegat.[12] Ma' dan l-ammont zdied l-ammont ta' Lm10,000 li kien kuntratt ta' xogholijiet li ma giex inkluz bhala dhul mis-socjeta` rikorrenti. Pero` tnaqqsu wkoll is-segwenti, u cioe:`

---

[11] Xhieda ta' Adrian Farrugia a fol. 832

[12] Dokument GB13/2 sottomess minn George Borg fil-31 ta' Mejju 2012 f'envelope kannella a fol. 258

(a) sebgħin fil-mija (70%) tal-*Cost-of-Sales* kif mitlub mis-socjeta` rikorrenti fit-Trading Accounts tagħha għal kull sena mertu tal-appell, u dan minkejja illi l-istess socjeta` naqset milli tissottometti l-*Accounting Ledgers* mitlubin minnha u *invoices* skont kif mitlub bil-Liġi għall-ammonti ddikjarati minnha sabiex tissostanzja t-talbiet tagħha għal tali tnaqqis;

(b) L-ammont kollu ddikjarat mis-socjeta` rikorrenti fil-*Profit & Loss Accounts* tagħha għal kull sena bejn is-snin ta' stima 2000 u 2006 għal ''Bank Interest & Charges'', b'total ta' Lm113,566; u

(c) L-ammonti ddikjarati mis-socjeta` rikorrenti fil-*Profit & Loss Accounts* tagħha għal kull sena bejn is-snin ta' stima 2000 sa 2006 għar-rigward ta' spejjeż oħra bħalma huma l-miżati ta' reġistrazzjoni, l-ispejjeż ta' awditjar u kontabilità, l-ispejjeż relatati mal-vetturi, mal-assikurazzjoni u l-ispejjeż legali, filwaqt li d-Dipartiment ippermetta ammont nominali ta' Lm500 għal spejjeż professjonali ta' kull sena fejn dawn kienu mitlubin – u dana għalkemm is-socjeta` rikorrenti baqgħet ma sostnietx dawn l-ispejjeż b'dokumentazzjoni.

Illi ai termini tal-artikolu 19 tal-Kapitolu 372, it-Tribunal iqis li **s-socjeta` rikorrenti kienet obbligata li taghti spjegazzjoni dwar is-sors ta' kull depozitu li sar fil-kontijiet bankarji taghha. Kif inhi wkoll obbligata li tipprova lil dan it-Tribunal li l-istimi huma eccessivi.**[13]

Michéle Xuereb stqarret illi fir-rigward tad-depoziti bankarji "*fil-maggor parti, ma kien jidher ebda korrelazzjoni bejn l-ammonti ricevuti skond il-kuntratti tal-bejgh ta' proprjeta` u d-depoziti fil-kontijiet tal-bank tal-kumpanija."* Abbazi ta' dan, il-Kummissarju intimat wasal ghall-konkluzzjoni illi s-sors tal-fondi depozitati fil-kontijiet bankarji ma kienx biss mill-bejgh ta' proprjeta`. Dan irrizulta li kien il-kaz stante li l-Kummissarju gie a konoxxenza ta' kuntratt ta' xoghol li ghamlet is-socjeta` rikorrenti ghall-ammont ta' Lm10,000, liema profitt ma kienx gie dikjarat ai fini ta' taxxa. In oltre, l-Kummissarju skopra li l-ammont ta' interessi murija fil-*Profit & Loss Account* bhala *bank interest and charges* setghu jigu biss accettati bhala spejjez deducibbli sal-ammont kif jidher mill-*bank statements* sottomessi mis-socjeta` rikorrenti.

Abbazi ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, il-Kummissarju intimat, f'Lulju 2008 hareg seba' Avvizi ta' Likwidazzjoni[14] u dan kif muri hawn taht:

---

[13] Ara artiklu 35 (3) tal-Kapitolu 327 tal-Ligijiet ta' Malta

[14] Dokument GB12 sottomess minn George Borg fil-31 ta' Mejju 2012 f'envelope kannella a fol. 258

| Sena ta' Stima | Likwidazzjoni Nru | Dħul Dikjarat | Dħul Assessjat | Żieda fid-Dħul |
|---|---|---|---|---|
| | | *Lm* | *Lm* | *Lm* |
| 2000 | 2617885 | - 14,105 | 27,426 | 41,531 |
| 2001 | 2617886 | - 22,144 | 6,424 | 28,568 |
| 2002 | 2617887 | - 4,787 | 54,006 | 58,793 |
| 2003 | 2617888 | - 23,096 | 47,976 | 71,072 |
| 2004 | 2617889 | - 23,160 | 124,241 | 147,401 |
| 2005 | 2617890 | 146,715 | 247,545 | 100,830 |
| 2006 | 2617891 | 165,511 | 207,981 | 42,470 |
| **Total** | | **224,934** | **715,599** | **490,665** |

Illi s-socjeta` rikorrenti ssottomettiet seba' Avvizi tal-Oggezzjoni[15]. Wara li l-Kummissarju intimat ircieva dawn l-Avvizi, huwa rega' stieden lis-socjeta` rikorrenti tissottometi numru ta' dokumenti li kienu diga` gew mitluba lilha fl-istadju ta' verifika[16]. Meta f'dan l-istadju, s-socjeta` rikorrenti giet mitluba spjegazzjoni dwar fejn kienu gew depozitati l-fondi ricevuti mill-bejgh tal-proprjeta`, u ghal spjegazzjoni dwar l-*over deposits* li saru ghas-snin ta' stima 2000, 2001 u 2002, jirrizulta li f'dak l-istadju s-socjeta` rikorrenti ma tat ebda spjegazzjoni ulterjuri ghajr li dak rikavat mill-bejgh kien gie in parti depozitat u in parti mar biex jithallas self minghand terzi.

Illi ghalhekk, il-Kummissarju intimat, wara li ha in konsiderazzjoni kull spjegazzjoni u dokumentazzjoni ulterjuri li ngabu a konjizzjoni tieghu, wasal ghall-valur ta' dhul likwidat[17] ghas-snin ta' stima in kwistjoni billi:

(a) Mal-valur tal-bejgħ iddikjarat mill-kumpanija XXX Limited, li kien jammonta għal total ta' Lm700,500 bejn is-sena ta' stima 2000 u s-sena ta' stima 2006, żied l-ammont totali ta' Lm153,574 għall-istess perjodu, li kien jirrappreżenta l-eċċess sena b'sena tad-depożiti fil-kontijiet tal-bank lil hinn mill-ammonti ddikkjarati mis-socjeta` rikorrenti;

(b) Mal-valur tal-bejgħ żdied ukoll l-ammont ta' Lm10,000 f'valur ta' xogħlijiet b'relazzjoni ma' kostruzzjoni ta' proprjetà skont kuntratt mgħoddi lilu mis-socjeta` rikorrenti nnifisha, liema ammont Adrian Farrugia kien irrikonoxxa li kellu jizdied mad-dhul tas-sena ta' stima 2005;

[15] Dokument MX1/1 sa Dok MX1/20 annessi mal-affidavit ta' Michéle Xuereb fl-20 ta' Ottubru 2016 a fol. 871-890
[16] Dokument GB11/15 sotomess waqt is-seduta tal-31 ta' Mejju 2012 2012 f'envelope kannella a fol. 258
[17] Dokument GB13 u GB 14 sottomessi minn George Borg fil-31 ta' Mejju 2012 f'envelope kannella a fol. 258.

(c) Sar tnaqqis deduċibbli ta' sebgħin fil-mija (70%) tal-ammont tal-*Cost-of-Sales*, kif mitluba mis-socjeta` rikorrenti fit-*Trading Accounts* tagħha għal kull sena taħt appell; u dan minkejja illi naqset milli tissottometti l-*Accounting Ledgers* mitlubin minnha u *invoices* skont kif mitlub bil-Liġi għall-ammonti ddikjarati minnha sabiex tissostanzja t-talbiet tagħha għal tali tnaqqis;

(d) Ingħatat tnaqqis deduċibbli għall-ammont kollu ddikjarat fil-*Profit & Loss Accounts* għal kull sena bejn is-sena ta' stima 2000 u s-sena ta' stima 2006 għar-rigward ta' *"Bank Interest & Charges''* fl-ammont ta' Lm113,566; u

(e) Ingħata wkoll tnaqqis deduċibbli għall-ammonti ddikjarati fil-*Profit & Loss Accounts* għal kull sena bejn is-sena ta' stima 2000 u s-sena ta' stima 2006 għar-rigward ta' spejjeż oħra bħalma huma l-miżati ta' reġistrazzjoni, l-ispejjeż ta' awditjar u kontabilità, l-ispejjeż relatati mal-vetturi, mal-assikurazzjoni u l-ispejjeż legali, filwaqt li d-Dipartiment ħa in konsiderazzjoni ammont nominali ta' Lm500 għal spejjeż professjonali għal kull sena fejn dawn kienu mitlubin – u dana minkejja li s-socjeta` rikorrenti baqgħet ma sostnietx dawn l-ispejjeż b'dokumentazzjoni.

Illi jirrizulta li wara li sar dan l-ezercizzju, fil-15 ta' Gunju 2010, il-Kummissarju intimat, hareg seba' Likwidazzjonijiet Rifjut (TRRF) ghas-snin ta' stima 2000 sa 2006 u dan kif muri hawn taht[18]:

| **Sena ta' Stima** | **Likwidazzjoni Nru** | **Dħul Dikjarat** | **Dħul Assessjat** | **Taxxa Likwidata** | **Taxxa Likwidata** |
|---|---|---|---|---|---|
| | | ***Lm*** | ***Lm*** | ***Lm*** | **€** |
| 2000 | 3091837 | - 14,105 | 54,718 | 10,053 | 23,417 |
| 2001 | 3091838 | - 22,144 | - 15,128 | - | - |
| 2002 | 3091839 | - 4,787 | 3,799 | 571 | 1,329 |
| 2003 | 3091840 | - 23,096 | 34,286 | 5,152 | 12,000 |
| 2004 | 3091841 | - 23,160 | - 16,167 | - | - |
| 2005 | 3091842 | 146,715 | 224,113 | 33,674 | 78,439 |
| 2006 | 3091843 | 165,511 | 219,756 | 76,915 | 179,163 |

[18] Dokument MX4/1 sa Dok MX4/18 annessi mal-affidavit ta' Michéle Xuereb a fol. 899 sa 916

Sussegwentement, fis-17 ta’ Gunju 2010, il-Kummissarju intimat hareg seba’ Avvizi ta’ Rifjut tal-Oggezzjoni ghall-istess snin ta’ stima ghar-ragunijiet indikati iktar ‘il fuq[19]:

| Sena ta' Stima | B'referenza għal-Likwidazzjoni Nru. | Taxxa Likwidata |
|---|---|---|
| | | € |
| 2000 | 3091837 | 23,417 |
| 2001 | 3091838 | - |
| 2002 | 3091839 | 1,329 |
| 2003 | 3091840 | 12,000 |
| 2004 | 3091841 | - |
| 2005 | 3091842 | 78,439 |
| 2006 | 3091843 | 179,163 |

Illi t-Tribunal huwa tal-fehma illi tul il-process kollu sakemm hargu l-Avvizi mpunjati, is-socjeta` rikorrenti ma urietx b’mod car il-korrelazzjoni bejn l-ammonti ricevuti fuq kull kuntratt ta’ bejgh u l-ammonti depozitati fil-kontijiet bankarji taghha, tant li Adrian Farrugia, meta mistoqsi jekk setax iqabbel disa’ depoziti mal-kuntratti rispettivi stqarr li ma setax, kif ukoll ma setax jispjega kif alloka depozitu ma’ kuntratt li kien sar bosta xhur qabel jew sahansitra anke wara[20]. Illi ghalkemm is-socjeta` rikorrenti, fin-Nota ta’ Sottomissjonijiet taghha tattakka l-ezercizzju li ghamel il-Kummissarju intimat stante li, skont hi, hu mibni biss fuq assunzjonijiet, it-Tribunal josserva illi l-istess socjeta` ma ressqet ebda prova konkreta illi dak li assuma l-istess Kummissarju kien fattwalment zbaljat.

Illi t-Tribunal huwa tal-fehma wkoll illi l-ezercizzju maghmul mis-socjeta` rikorrenti biex waslet ghall-valur taxxabbli, u cioe` billi hadet l-ammonti li kienu mhallsin lid-Dipartiment bhala taxxa fuq il-qliegh u hadmet b’lura sabiex waslet ghall-ammont gross ta’ bejgh ta’ proprjeta`, ma jaghtix serhan il-mohh lil dan it-Tribunal li huwa l-ahjar ezercizzju li juri d-dhul taxxabbli tas-socjeta` rikorrenti, u dana ghaliex, kif fil-fatt irrizulta, is-socjeta` kellha dhul iehor mhux relatat mal-bejgh ta’ proprjeta`.

Illi s-socjeta` rikorrenti, fin-Nota ta’ Sottomissjonijiet taghha tishaq illi l-*spreadsheet* ipprezentata minn George Borg (Dokument GB13)[21] mhix wahda sostanzjata bi provi cari u univoci. Illi dan it-Tribunal ma jaqbilx ma’ din is-sottomissjoni. Huwa tal-fehma illi l-istess *spreadsheet* taghti stampa cara ta’ kif il-Kummissarju intimat wasal ghall-ammont ta’ qligh li skont hu ma giex dikjarat mis-socjeta` rikorrenti. Min-naha l-ohra, it-Tribunal huwa tal-fehma illi s-

[19] Dokument MX5/1 sa Dokument MX5/7 annessi mal-affidavit ta’ Michéle Xuereb a fol. 917 sa 930
[20] Xhieda ta’ Adrian Farrugia tad-9 ta’ Gunju 2016 a fol. 793 u a fol. 807 sa 809 (Pagna 14 u Pagna 27-29)
[21] Esebit go envelope kannella a fol. 258

socjeta` rikorrenti ma tatx spjegazzjoni cara dwar is-sors ta' kull depozitu li sar fil-kontijiet bankarji. Lanqas ma tat xi informazzjoni adegwata dwar xi *third party loans* li setghu thallsu permezz ta' dhul li ghamlet. Meta wiehed jikkunsidra wkoll illi ma kienx hemm certezza li kull dhul li sar mill-bejgh tal-proprjeta` jew kwalunkwe dhul iehor dahal fil-kontijiet bankarji, it-Tribunal iqis li l-Kummissarju intimat kien gustifikat li jasal ghac-cifra ta' Lm153,574 bhala *unexplained deposits*.

Illi kwistjoni ulterjuri mqajjma mir-rikorrenti tirrigwarda l-ispejjez deducibbli. Il-Kummissarju intimat qies li numru ta' *invoices* prodotti mis-socjeta` rikorrenti ma jikkwalifikawx bhala tali ai fini ta' deduzzjoni. Dana ghaliex tali dokumenti ma kinux jikkwalifikaw bhala *invoices* izda kienu biss *architect's certificates* jew certifikati mahruga mid-ditta ta' Periti Bezzina & Cole flimkien ma' *Requests for Payment*. In oltre, l-Kummissarju intimat, jirrileva illi tali *Requests for Payment* ma kinux indirizzati lis-socjeta` rikorrenti izda lil terzi, u cioe`, s-socjeta` Santa Margherita Limited. Dan iktar u iktar meta fuq l-istess dokumenti ma kien hemm ebda indikazzjoni jekk is-socjeta` rikorrenti kinitx qablet mal-ammonti indikati fl-istess dokumenti, u ma kien hemm ebda certezza jekk dawk ic-certifikati kinux gewa imhallsa mill-*cash book* tal-Kumpanija, u dana ghaliex fi kliem Adrian Farrugia, l-istess kontijiet kienu tefghuhom fuq il-kont personali ta' Pavia.[22] In oltre, il-Kummissarju intimat jirrileva illi certi *invoices* ohra mahruga mid-ditta Galscher & Bilom Limited[23] huma fatturi li jew huma ndirizzati lil socjeta` terza jew inkella l-istess fatturi huma mahruga darbtejn, u cioe` fuq is-socjeta` rikorrenti u fuq terzi u dan kontra dak li jistipula artikolu 3 (b) tat-Tnax-il Skeda tal-Kapitolu 406 tal-Ligijiet ta' Malta (Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud).

Illi s-socjeta` rikorrenti tirribatti dan l-argument billi tghid illi zgur ma setghetx topera minghajr ma tinkorri spejjez, u ghalhekk irrispettivament mill-fatt jekk l-istess fatturi kinux intestati f'isimha jew f'isem terzi, il-probabilita` hija li tali spejjez gew tassew inkorsi. Filwaq li t-Tribunal jikkoncedi li s-socjeta` rikorrenti ghamlet spejjez biex topera n-negozju taghha, madanakollu din l-asserzjoni mhix bizzejjed biex teghleb l-argumenti mressqa mill-Kummissarju intimat.

Illi t-Tribunal iqis dak sottomess mill-Kummissarju intimat f'dan ir-rigward ghandu jinghata ikar piz minn dawk sottomes mis-socjeta` rikorrenti. Dana ghaliex l-istess socjeta` ma gabet ebda prova konklussiva dwar dak allegat minnha, perezempju dwar il-*joint venture* ma' terzi u li dak reklamat minnha bhala spejjez ma giex reklamat minn terzi. It-Tribunal jishaq illi kien obbligu tas-socjeta` rikorrenti li zzomm id-dokumentazzjoni kollha taghha kif suppost u li ghalhekk, issa ma tistax tippretendi li dan it-Tribunal ikun konvint b'argumenti li ma humiex sorretti minn ebda prova konkreta.

---

[22] Xhieda ta' Adrian Farrugia tad-9 ta' Gunju 2016 a fol. 800, 801, 804

[23] Dokumenti GB18 sa GB 18/32 sottomessi minn George Borg fil-31 ta' Meju 2012

Illi ghalhekk, wara li t-Tribunal ra u fela d-dokumenti kollha li s-socjeta` rikorrenti ssottomettiet lid-Dipartiment fil-kors tal-investigazzjoni, hu tal-fehma illi l-Kummissarju intimat kien gustifikat fl-ezercizzju li ghamel hlief ghal nuqqas ta' ezercizzju wiehed, u cioe` meta ma hax in kunsiderazzjoni t-telf li ghamlet is-socjeta` rikorrenti fis-snin ta' stima 2000 u 2004, liema telf kellu jigi trasferit ghas-sena ta' stima sussegwenti sabiex jitnaqqas mill-eventwali profitti li s-socjeta' seta' kellha f'dik is-sena ta' stima u dan a fini li jitnaqqas l-ammont taxxabbli dovut. Dan il-fatt gie ammess kemm minn George Borg u kif ukoll minn Michéle Xuereb fix-xhieda taghhom quddiem dan it-Tribunal.

Ghaldaqstant, in vista ta' dak appena rilevat, it-Tribunal se jkun qieghed jannulla l-Avvizi ta' Likwidazzjoni ta' Rifjut u l-Avvizi ta' Rifjut tal-Oggezzjoni biex terga' ssir il-likwidazzjoni mill-gdid wara li jittiehed in konsiderazzjoni t-telf li ghamlet is-socjeta` rikorrenti fis-snin ta' stima 2000 u 2004.

**DECIDE**

Ghaldaqstant, it-Tribunal, ghar-ragunijiet hawn fuq moghtija qieghed jilqa' l-appell tas-socjeta` rikorrenti limitatament sabiex il-Kummissarju intimat jiehu in konsiderazzjoni t-telf li l-istess socjeta` ghamlet fis-snin ta' stima 2000 u 2004, liema telf kellu jitnaqqas mill-eventwali profitti li s-socjeta` setghet ghamlet fis-snin sussegwenti, filwaqt li jikkonferma l-kumplament tal-likwidazzjonijiet maghmula. Ghaldaqstant qieghed f'dan is-sens jirrevoka s-seba' Likwidazzjonijiet ghas-snin ta' stima 2000 sa 2006 sabiex dawn jinhargu mill-gdid wara li l-Kummissarju intimat jiehu in konsiderazzjoni t-telf ghas-snin ta' stima 2000 u 2004.

Bl-ispejjez in kwantu ghal tliet kwarti ghas-socjeta` rikorrenti u kwart ghall-Kummissarju intimat.

**Dr. Charmaine Galea**
**President tat-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva**

**Antonella Cassar**
**Deputat Registratur**